MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 930/2006

**Keith John Abela Fitzpatrick**

**vs**

**S.C. & Company Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Keith John Abela Fitzpatrick, fejn dan wara li ppremetta illi:

Ir-rikorrenti kien dahal f'konvenju mas-socjeta' intimata fit-13 ta' Jannar 1998 kopja ta' liema hija hawn esebita u mmarkata Dokument A u fuq dak il-konvenju kien hallas bhala depozitu s-somma ta' sittax-il elf Lira Maltija (Lm16,000) liema somma thallset in parti fuq l-istess konvenju u in parti fuq is-segwenti tigdid ta' l-istess f'diversi okkazzjonijiet kif jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-kawza.

Fil-konvenju, ir-rikorrenti kompratur, irriserva d-dritt illi sakemm l-art ma tkunx saret fabbrikabbli u cioe' inkluz fl-ischeme ghal *terraced houses* u garages jew *maisonettes* jinhall mill-konvenju wara li jaghti pre-avviz bil-miktub lis-socjeta' intimata, venditrici; f'liema eventwalita' l-istess socjeta' venditrici kienet tkun obbligata trodd lura l-flus imhallas lir-rikorrent.

B'ittra tas-26 ta' Novembru 2000 kopja ta' liema hija hawn esebita u mmarkata Dok. B, ir-rikorrent kien informa lill-intimati li ma kienx bi hsiebu jkompli bl-istess konvenju u dan billi l-art ma kinitx saret fabbrikabbli fit-terminu ta' l-istess konvenju u ghalhekk ta' avviz biex ikun refuz il-flus imhallas.

Wara l-inadempjenza tas-socjeta' intimata, ir-rikorrenti interpella lill-istess socjeta' sabiex tirrifondi s-somma fuq imsemmija permezz ta' ittra ufficjali tad-19 ta' Dicembru 2000.

Ghalkemm il-konvenju skada rremedjabbilment, l-intimati baqghu inadempjenti anke minkejja ittra ufficjali mibghuta mir-rikorrenti nhar it-22 ta' April 2005, u minkejja li diversi diretturi ta' l-istess socjeta' intimata ammettew li l-ammont kien dovut.

Talab is-socjeta' intimata tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tikkundanna s-socjeta' intimata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' sittax-il elf Lira Maltija (Lm16,000) mhallsa mir-rikorrent lil-istess intimata akkont tal-prezz tal-fuq imsemmi art ai termini tal-konvenju fuq l-istess bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Dicembru 2000.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tad-19 ta' Dicembru 2000, u tat-22 ta' April 2005 u l-atti sussegwenti u relattivi kollha; u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, is-socjeta’ intimata baqghet ma pprezentat ebda risposta.

Ikkunsidrat illi r-rikorrent ipprova ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti illi s-socjeta’ intimata hija debitrici tieghu fl-ammont ta’ Lm16,000 ekwivalenti ghal €37,269.97.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tikkundanna lis-socjeta’ S.C. & Company Limited tirrifondi lill-attur is-somma ta’ €37,269.97, ekwivalenti ghal Lm16,000, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta’ intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------